.

# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Jannar, 2002**

**Numru 21**

**Cit. Nru. 345/01(F1) GCD**

**C.D.B. Properties Limited**

**Vs**

**Accord International Destination Management Company Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' elf sitt mija u sebghin lira Maltin, tmienja u hamsin centezmu (Lm1,670.58) rapprezentanti l-bilanc ta' somma akbar dovuta in rigward ta' servizzi rezi mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta fuq istruzzjonijiet taghhom u a beneficcju taghhom;

Illi ghalkemm imsejha hafna drabi sabiex thallas dan l-ammont is-socjeta` konvenuta baqghet ma hallsitx il-bilanc intier dovut minnha; u

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi, a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) billi l-kreditu tas-socjeta` attrici huwa cert, likwidu u skadut u s-socjeta` attrici pprezentat dikjarazzjoni illi biha r-rapprezentant taghha, Charles Debattista, ikkonferma illi s-socjeta` konvenuta ma ghandha l-ebda raguni jew eccezzjoni valida kontra t-talba tas-socjeta` attrici ghall-hlas tas-somma dovuta;

Talbet illi din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi u b'dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12):

1. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas is-somma ta' elf sitt mija u sebghin liri Maltin, tmienja u hamsin centezmu (Lm1,670.58) rapprezentanti l-bilanc ta' somma akbar dovuta in rigward ta' servizzi rezi mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta fuq istruzzjonijiet taghhom u a beneficcju taghhom.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datat 7 ta' Frar 2001 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ahhar hlas sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Charles Debattista u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq.* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm